MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2013

Avviz Numru. 117/2009

**Alexander u Marie Therese Borg Caruana (ID 351929M u 2020776P)**
**vs**
**Donald Borg (ID 70081M)**

Illum 30 ta' Settembru 2013

Il-Qorti,

Rat l-avviz ippresentat fis 27 ta' Marzu 2009 fejn ir-rikorrenti talbu lill dina l-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallashom is-somma ta' hamest elef, mija u tlett Euros, u hamsa u tletin centezmu (€5,103.35) rappresentanti kontijiet pendenti tad-dawl u ilma fuq il-fond 51, Triq il-Kattedral, Sliema, ghall periodu ta' bejn l-1 ta' Gunju 2002 u l-1 ta' Awissu 2005 meta dana kien mikri u okkupat mill-intimat, liema ammont jinkludi wkoll spejjez illi r-rikorrenti inkorrew rizultat ta' azzjoni mehudha kontra taghhom ghal hlas ta' tali kontijiet da parte tal-awtoritajiet kompetenti.

Rat ir-risposta tal-intimat ippresentat fis 26 ta' Gunju 2009 fejn huwa eccepixxa illi l-ammont miltub huwa preskritt peress illi l-azzjoni odjerna saret fis-sena 2009 u il-kontijiet pendenti kienu sas-sena 2004. huwa ecccepixxa ukoll illi huwa baqa' fil-hanut sat 30 ta' Gunju 2004, u ghalhekk kwalsiasi kont iehor wara dakinhar ma kellux jithallas minnu.
Rat illi, in vista tal-eccezzjoni preliminari, l-Qorti diversament komposta ordnat il-kapovolgiment tal-provi u li tigi deciza l-ewwel eccezzjoni.
Rat ix-xhieda ta' **Donald Borg** moghtija fit 28 ta' Ottubru 2009.
Rat ix-xhieda ta' **Annabelle Camilleri**, rappresentanta tal-Korporazzjoni tas-Servizz ta' l-Ilma, moghtija fl 20 ta' April 2010 u dokumenti minnha ppresentata.
Rat illi fid 19 ta' Jannar 2011, dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, iddeiciediet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni billi laqghet tali eccezzjoni u ghalhekk cahdet it-talbiet attrici.
Rat illi sar appell da parte tar-rikorrenti u permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fid 29 ta' Frar 2012, il-Qorti irrevokat parzjalment id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti u dana billi ddikjarat illi l-kontijiet kollha mahruga mil-1 ta' April 2004 'l quddiem ma kienux milquta bil-preskrizzjoni, u ghalhekk regghet rinvjat l-atti lura lilll dina l-Qorti biex tkompli tisma l-kaz.
Rat l-affidavit ta' **Alexander Borg Caruana** u **Maria Therese Borg Caruana** ippresentat fit 22 ta' Ottubru 2012 u dokumentazzjoni maghha annessa.
Rat l-affidavit ta' **Donald Borg** ippresentat fit 22 ta' Frar 2013.
Semghet il-kontro ezami ta' **Alexander Borg Caruana** moghtija fit 22 ta' Frar 2013.
Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppresentata fl 4 ta' Gunju 2013 u tal-intimat ippresentata fil 25 ta' Gunju 2013.

**Ikkunsidrat**
Illi l-kawza odjerna tirrigwarda hlasijiet ta' dawl u ilma illi kien ikkonsma l-intimat waqt illi huwa kien qieghed jikri u jokkupa il-fond tar-rikrorenti gewwa 51, Triq il-Katridal, Sliema.

L-ewwel eccezzjoni imqajjma mill-intimat kienet illi l-ammont ma kienx dovut peress illi kien preskritt. L-Ewwel Qorti laqghet it-talbiet tieghu izda il-Qorti tal-Appell illimitat t-talba tieghu ghal kontijiet dovuti qabel 1 ta' April 2004 u ghalhekk is-somma in kwistjoni ghandha titnaqqas bl-ammont ta' tmien mija u erbgha euros u erbghin centezmu (€804.40) peress illi dawna kienu inkorsi qabel id-data indikata mill-Qorti tal-Appell.

It-tieni eccezzjoni tal-intimat hija illi huwa baqa' jokkupa l-fond sat 30 ta' Gunju 2004, u ghalhekk ma kellu jhallas ebda kont iehor wara tali data.

Ma jidher imkien fil-process kollu illi l-intimat qajjem xi eccezzjoni ulterjuri, madanakollu tul il-proceduri quddiem dina l-Qorti, jidher illi l-intimat beda jqajjem argumenti relatati ma novazzjoni tad-debitu.

Illi, di fatti, skond ix-xhieda prodotta quddiem dina l-Qorti, jidher illi, minkejja li kellu kuntratt ta' ghaxar snin kirja, wara madwar sentejn jikri il-hanut ossija grocer, l-intimat ma riedx ikompli f'dik l-attivita' u di fatti informa lir-rikorrenti illi ried jivvaka il-fond. L-intimat jistqarr illi meta qallu hekk, huwa gharrfu illi kien hemm persuna ohra interessata fil-fond. Ir-rikorrenti, da parte tieghu, stqarr illi kien biss wara illi l-intimat ivvaka il-fond li eventwalment l-intimat infurmah li kien hemm xi hadd iehor interessat fil-fond.

Illi, madanakollu, il-kwistjoni principali, li hija l-meritu tal-kawza odjerna, ossija il-kont tad-dawl u ilma, kienet jekk kienx hemm xi ftehim dwar il-kontijet tad-dawl u ilma pendenti. Ir-rikorrenti jistqarr illi huwa qatt ma kien jaf bil-kontijiet tad-dawl u ilma qabel ma l-intimat ivvaka il-fond, filwaqt illi l-intimat jistqarr illi r-rikorrenti kien a korrenti tal-kontijiet peress illi kienu jinhargu f'ismu u peress illi l-intimat kien qallu li t-terza persuna interessata tiehu l-hanut kienet disposta illi, flok ma thallas rigal lill-intimat, thallas il-kontijiet tad-dawl u ilma.

Illi r-rikorrenti jishaq, da parte tieghu, illi qatt ma kien sar kliem dwar il-konijtiet tad-dawl u ilma u, meta kien gie dana it-terza persuna, ghalkemm kien jidher interessat, ir-rikorrenti ma kienx kuntent illi jikri il-hanut lilu u ghalhekk l-hanut ma inkeriex.

**Ikkunsidrat**

Illi huwa fatt mhux ikkontestat u anke ammess miz-zewgt partijiet fis-sottomissjonjiet taghhom, illi l-intimat ivvaka il-fond fit-30 ta' Gunju 2004, u ghalhekk il-kontijiet pendenti u li dwarhom irid jigi deciz il-kaz odjern huma dawk tal 1 ta' April 2004 u 11 ta' Awissu 2004 fl-ammont ta' €2339.48 u €1421.56 rispettivament, total ta' €3,761.04.

Illi l-intimat jikkontendi fil-provi tieghu kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonjiet, izda mhux fl-eccezzjonijiet tieghu, illi, meta r-rikorrenti iltaqa' ma dana it-terza persuna sabiex huwa jiehu l-hanut, kien hemm ftehim milhuq bejn ir-rikorrenti, l-intimat u dina t-terza persuna, illi kontijiet tad-dawl u ilma kellu jhallashom dana it-terza persuna. L-intimat ghalhekk jikkontendi illi saret novazjoni u ghalhekk ma kellux ihallas hu tali kontijiet.

Illi r-rikorrenti, minn naha l-ohra, jikkontendi illi qatt ma sar ebda ftehim ma' dina t-terza persuna u ghalhekk ma saret ebda novazzjoni, anke in vista tal-fatt illi huwa qatt ma kien jaf dwar il-kontijiet tad-dawl u ilma qabel ma vvaka il-post l-intimat.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti hareg car tali ftehim, illi dwaru qed jirreferi l-intimat, qatt ma sar bil miktub u l-intimat lanqas biss kien jaf x'jismu dana il-persuna u wisq anqas ma pproducieh quddiem dina l-Qorti sabiex jikkorrobora dak minnu allegat.

Illi tenut kont ta' tali fatt, il-Qorti ma tarax ghaliex l-intimat ma ghandhux jigi ordnat illi jhallas il-kontijiet tad-dawl u ilma li jirrizultaw fuq il-fond illi huwa kien qieghed jikri u jokkupa fiz-zmien meta tali kontijiet gew inkorsi.

**Ikkunsidrat**

Illi r-rikorrenti, apparti l-kontijiet tad-dawl u ilma, qieghed jitlob ukoll ir-risarciment tal-ispejjez legali minnu inkorsi rizultat ta' azzjoni legali mehudha kontra tieghu mill-Korporazzjoni ghas-Servizz ta' l-Ilma in vista tal-fatt li l-kontijiet tal-hanut kienu ghadhom ma thallsux.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi, ghalkemm tali spejjez kienu inkorsi rizultat ta' nuqqas ta' hlas tal-kontijiet da parte tal-intimat, certament ir-rikorrent kien f'pusizzjoni illi

jevita li dawna l-ispejjez jigu inkorsi kieku, minflok ma evita il-kwistjoni tal-hlas tal-kontijiet, qabad u hallas il-kontijiet u imbghad ikkontesta l-kwistjoni mal-intimat.
Jidher car illi l-ispejjez ulterjuri inkorsi mir-rikorrenti kienu rizultat tar-reticjenza da' parte tar-rikorrent sabiex isolvi l-problema li kellu, liema fatt wassal li jittiehdu proceduri kontra ir-rikorrent. Certament, f'dana il-kaz, il-Qorti ma tistax takolla tali speejjz fuq l-intimat, peress illi kien l-obbligu tar-rikorrenti illi jimminimizza l-ispejjez, haga li huwa certament ma kienx qieghed jaghmel billi jevita li jhallas ghal erbgha snin shah!

**Konkluzjoni**
Il-Qorti,
Wara illi rat il-provi kollha prodotti.
Wara illi rat is-sentenza tal-Ewwel Qorti tad-19 ta' Jannar 2011 u tal-Qorti tal-Appell tad 29 ta' Frar 2012.
Taqta u tiddeciedi billi, filwaqt li tastejni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni stante illi dina gia giet deciza.
**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat u
**Tilqa'** t-talbiet attrici limitatament billi tillikwida l-ammont dovut mill-intimat lir-rikorrenti fis-somma ta' tlett elef, sebgha mija u wiehed u sittin euro u erbgha cenetzmu (€3,761.04) bl-imghax mid-data tal-presentata tal-avviz.
L-ispejjez kollha kif mitluba mir-rikorrenti ikunu a karigu tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------